Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru 92/2013

**SPETTUR MARIO HABER**
**KONTRA**
**HEMOK LEBEZA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Hemok Lebeza ta’ 26 sena, nazzjonalita’ Eritrejana, mwieled 28 ta’ Settembru 1986, bin Almow u Miry u detentur tan- numru tal- Pulizija f’ Malta 78880A;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ data mhux maghrufa f’ Settembru 2012, bhala persuna illi mbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas li jkollu passaport u naqas li jaghti lill- Ufficjal Principal tal-Immigrazzjoni l- informazzjoni preskritta u dik l-

informazzjoni l- ohra kif l- Ufficjal Principali tal-Immiggrazzjoni jidhirli xierqa li jehtieg;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikolu 28 tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax- il xahar (18) ai terrminu tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------